MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Appell Civili Numru. 1770/1998/1

**Yolanda Carabott u b'digriet tal-24 ta' Marzu 1999, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Mary Anne Darmenia minflok l-attriċi Yolanda Carabott li mietet fil-mori tal-kawża**

**v.**

**Pauline Calamatta, żewġha Carmelo Calamatta u Yvette Bonniċi**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuti li permezz tiegħu qegħdin jitolbu lil din il-Qorti biex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn ġiet milqugħa t-tielet eċċezzjoni minnhom sollevata u b' hekk ġiet miċħuda t-tielet talba attriċi, tirrevokaha fil-bqija tagħha billi tiċħad il-kumplament tat-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attrici appellata.

Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attrici fit-3 ta' Settembru, 1998, li in forza taghha, wara li ppremettiet :

"Illi fil-21 ta' Marzu 1998 l-attrici Yolanda Carabott allontanat ruhha mid-dar residenzjali, proprjeta taghha u dan minhabba ragunijiet ta' sahha, kif ukoll minhabba l-fatt li l-altrici ma sabet lil hadd min idur biha ;

"Illi waqt li kienet tirrisjedi fid-dar taghha kif fuq imsemmi, l-attrici kienet tat prokura f'isem il-konvenuta Pauline Calamatta sabiex din tkun tista' ssarfilha ic-cheque tas-sigurta socjali u afdatilha ukoll xi effetti personali;

"Illi sussegwentement ghal dan, meta l-attrici marret tirrisjedi fil-fond Mirmar, Luqa Briffa Street, Gzira mal-familja Darmenia, hija talbet lill-konvenuta sabiex tirritornalha l-prokura imsemmija ghall-kancellament u kif ukoll l-effetti personali imsemmija;

"Illi irrizulta illi fit-2 ta' April 1998, sar kuntratt tl-Atti tan-Nutar Dottor Tonio Spitieri, li kopja tieghu hi hawn annessa u esibita u mmarkata bhala Dok. A li permezz tieghu il-konvenuta Pauline Calamatta abbusivament u minghajr ma kienet hekk diretta, awtorizzata jew mitluba ittrasferiet il-fond 66, gia numru 8, Triq Guze D' Amato, Paola, proprjeta tal-attrici ghal fuq isimha;

“Illi il-kuntratt hawn fuq imsemmi gie insinwat fis-7 ta' April 1998 u cioe gurnata wara li l-konvenuta Pauline Calamatta giet notifikata b'ittra bonarja sabiex tirritoma lura l-prokura li kellha minghand l-attrici;

“Illi ulterjorment tali trasferiment sar taht pretensjoni falza u fabbrikata u minghajr ebda kunsiderazzjoni effettiva fis-sens li tali proprjeta giet trasferita, bhala datio in solutum ghal servigi allegatament resi lil attrici, li ma gewx fil-fatt hekk resi;

“Illi ulterjorment l-kunsens ta' l-attrici fuq l-imsemmi kuntratt kien vizzjat u ottenut b'ingann, frodi u misrapprezentazzjoni da parti tal-konvenuta Pauline Calamatta, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
“Illi ulterjorment l-konvenuta dehret fuq dan il-kuntratt ta' bejgh u ttrasferiet il-propjeta imsemmija f'isimha u f'isem zewgha kif rappresentati min binthom il-konvenuta Yvette Bonnici bi ksur tal-Artiklu 1368 tal-Kodici Civili;

“Illi l-attrici, permezz ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Awissu 1998, li kopja taghha hi hawn annessa u esibita u mmarkata bhala Dok. B, diga' interpellat lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-pubblikazzjoni u ffirmar ta' kuntratt ta' rexxissjoni u kwalsiasi att relattiv necessarju sabiex ihassar ghal kull tenur u effett tal-Ligi, il-kuntratt datat 2 ta' April 1998;

“Illi l-konvenuti baqghu inadempjenti;

“Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

“1. Tiddikjara u tiddecidi li l-kunsens ta' l-attrici fuq il-kuntratt tat-2 ta' April 1998, fl-Atti tan-Nutar Dottor Tonio Spitieri kien vizzjat in kwantu kien ottenut b'ingann, frodi u misrapprezentazzjoni da parti tal-konvenuti ;

“2. Tiddikjara u tiddecidi illi l-kuntratt tat-2 ta' April 1998 fl-Atti tan-Nutar Dottor Tonio Spitieri huwa null u bla effett fil-ligi peress illi huwa mankanti minn

kunsiderazzjoni stante illi ma gewx rezi bl-ebda mod is-servigi imsernmija fl-istess kuntratt;

“3. Tiddikjara u tiddecidi li l-kuntratt tat-2 ta' April 1998 fl-Atti tan-Nutar Dottor Tonio Spitieri kien bi ksur tal-Artiklu 1368 tal-Kodici Civili u ghalhekk kien null u bla effett fil-Ligi;

“4. Tinnomina Nutar Pubbliku ghal-pubblikazzjoni tal-Att relattiv ghar-rexissjoni ta' l-imsemmi kuntratt, u tinnomina kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess;

“5. Tiddikjara lil konvenuti responsabbli ghall-ispejjes kollha relattivi ghar-rexissjoni tal-imsemmi kuntratt;

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-10 ta' Awissu 1998, kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

“Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-attrici;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha, li in forza taghha huma eccepew :

“Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex :

“(a) l-ewwel talba hija insostenibbli stante li l-attrici ma kinitx firmatarja tal-kuntratt tat-2 ta' April, 1998 u kwindi ma jistax jezisti vizzju o meno tal-kunsens taghha;
“(b) kwantu ghat-tieni talba, mhuwiex minnu li ma tezistix konsiderazzjoni stante li s-servigi fil-fatt gew resi mill-eccipjenti konjugi Calamatta;

“(c) it-tielet talba hija insostenibbli stante li l-artikolu citat mhuwiex applikabbli ghat-trasferiment maghmul bil-kuntratt in kwistjoni;

“(d) konsegwentement ir-raba' u hames talba ghandhom ukoll jigu respinti;

“Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

“Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

“Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

“Rat in-nota ta’ sottomissjonjiet tal-attrici;

“Rat illi, minkejja illi, inghataw il-fakulta illi jipprezentaw nota ta’ sottomissjonijiet, il-konvenuti naqsu milli jaghmlu dan;

“Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat :

“Illi l-attrici Jolanda Carabott, illum mejta, lahqet ipprezentat affidavit fejn qalet illi tirrisjedi fil-fond 66, gia numru 8, Triq Guze D' Amato, Paola, liema fond huwa proprjeta taghha u ilha tirrisjedi fih madwar hamsin sena. Hija qalet illi dejjem ghexet waheda minn meta miet huha fl-1986 u ghandha bhala l-gara taghha lis-sinjura Mary Frendo li tigi omm il-konvenuta Pauline Calamatta. Yolanda Carabott xehdet illi hija dejjem baqghet attiva fit-tisjir u fit-tindif tad-dar u dan sal-1993 meta kellha tidhol l-Isptar. Darba minnhom hassitha ma tiflahx, habbtet lill-gara taghha, il-konvenuta, u talbitha sabiex iccempel lit-tabib . Fil-fatt il-familjari tal-konvenuta wassluha l-isptar fejn hija damet madwar ghaxart ijiem. Meta irritornat mill-isptar hija kompliet bir-rutina tas-soltu u baqghet tixtri hi u issajjar hi. Il-konvenuta kienet toffrielha sabiex tixtrilha xi affarijiet u qaltilha li setghet taghmlilha prokura semplicement sabiex tkun tista' issarrarfilha ic-cekk tal-pensjoni minghajr ma hija ikollha tmur il-Bank u ghahekk hija accettat u ghamlitilha Prokura fl-24 ta' Awissu 1993. Yolanda Carabott kompliet tghid illi l-konvenuta kienet tweghdha illi jekk jerga jkollha bzonn l-ghajnuna taghha ghax forsi tkun ma tiflahx, kienet disposta tghinha u ghalhekk hija kienet weghditha illi jekk hija verament kellha l-hsieb tiehu hsiebha fil-futur, hija kienet disposta thallilha il-propjeta taghha fil-wirt u ghalhekk ghamlet

testament f'dan is-sens ftit wara Ii kienet hareg mill-isptar. Yolanda Carabott xehdet illi wara li kitbet il-gid taghha kollu lill-konvenuta ippretendiet illi l-konvenuta kienet tiehu aktar interess milli semplicement izzurha ftit 'l hawn u 'l hemm u kienet ssarfilha ic-cekk tal-pensjoni, Carabott xehdet illi kull meta il-konvenuta issarfilha c-cekk tal-pensjoni hija kienet taghtiha hames jew ghaxar liri Maltin bhala kumpens u meta il-konvenuta kienet tixtrilha xi hobza jew xi affarijiet ohrajn hija dejjem kienet thallasha ta' l-affarijiet li kienet tixtrilha. Carabott xehdet ukoll illi il-konvenuta kienet tigi taghtiha il-pinnoli. Kienet taghtiha il-pensjoni u thallsilha xi kontijiet u qabel ma dahlet l-isptar kien ikollha bzonn tqattar f'ghajnejha u ghal xahar shih sabet l-ghajnuna ta' Rose Tabone Ii kienet tigi tqattrilha kuljum. Hija xehdet li kien in-neputi taghha Emilio li kien gie izurha mill-Awstralja fl-1991 u kien introduciha ma Rose Tabone u min dak in-nhar Rose Tabone baqghet izzurha kull gimgha. Yolanda Carabott xehdet illi l-konvenuta qatt ma kienet tghinha fit-tisjir jew fit-tindif tad-dar u ma tistax tifhem ghalhekk ghalfejn il-konvenuta qeghda tippretendi l-hlas ta' servigi. Hija xehdet illi hija kellha elf u hames mitt lira (LM1500.00) flus il-bank, fil-Mid Med Bank u elf lira Maltin (LM1,000) fil-Bank of Valletta. Hija xehdet illi qatt ma gibdet flus minn dawn il-kontijiet u giet infurmata u murija dokumenti fis-sens illi hija ma kellhiex aktar flus fil-banek. Hija qalet illi dawn il-flus kienu l-unika flus illi kellha bhala savings u dawn ingibdu mill-bank mhux biss minghajr awtorizzazzjoni taghha izda minghajr lanqas biss ma kienet taf. Hija kompliet tixhed illi hija imwegga ferm bil-fatt illi wara Ii kitbet kollox lill-konvenuta u lill-familjari taghha dawn abbuzaw minnha u mill-fiducja taghha u dana peress illi saret taf illi l-konvenuta, tramite nutar, iffirmat kuntratt fejn ghaddiet ir-residenza taghha f'isimha u qalet illi l-konvenuta ghamlet dan b'abbuz kbir u minghajr il-permess taghha u minghajr ma talbitha sabiex taghmel dan. Yolanda Carabott kompliet tixhed illi hija fdat ghand il-konvenuta xi affarijiet taghha tad-deheb, kitbitilha bl-avukat sabiex tirritornahomha u l-konvenuta qeghda tghid li taghthomla lura meta dan mhuwiex minnu. Hija kompliet tixhed li kienu gew il-pulizija fid-dar ta' Miriam Darmenia fejn hija kienet marret ghal xi zmien, il-pulizija staqsewha kienitx

hemmhekk ghal qalbha u xtaqitx tibqa tghix hemmhekk u hija qalet illi ghand Miriam Darmenia kienet tajba hafna ghaliex ma baqghetx thossha wahedha. L-ghada li kienu gew il-pulizija il-konvenuta kienet staqsietha ghalfejn ma kienitx baqghet fir-residenza taghha u talbitha tirritorna, izda hija qaltilha li kienet kuntenta tghix ghand Miriam Darmenia u ma kienitx bi hsiebha tirritorna. Yolanda Carabott xehdet illi l-konvenuta bdiet tghajjat u tghidilha “x' ghamiltilna , x' ghamiltina!” u qabel ma telqet qaltilha li ser thalli c-cavetta tad-dar residenzjali taghha fuq il-mejda, u thallilha wkoll l-affarijiet tal-isptar u medicini. Izda gara li fis-26 ta'Marzu 1998 Rose Tabone, li tigi oht Miriam Darmenia, infurmatha li meta marret biex tiftah il-bieb tad-dar taghha, jigifieri ta’ Carabott, sabet illi is-serratura tal-bieb kienet giet mibdula u ghalhekk ix-xhud talbet lil Miriam sabiex iggibilha avukat. Yolanda Carabott kompliet tixhed illi fl-l ta' April 1998 kien gie jkellimha l-Avukat Matthew Brincat u hija talbitu biex iwaqqaf il-prokura li hija kienet ghamlet lill-konvenuta peress li ma kellhiex aktar fiducja fiha u insistiet ukoll li l-Avukat jiktbilha sabiex tirritornalha l-flus li kienet haditilha minghajr permess, kif ukoll id-deheb li kienet tatha qabel ma dahlet l-isptar. Carabott qalet illi hija iffirmat prokura gdida f’isem Miriam Darmenia. Carabott kompliet tghid illi kienet giet taraha n-Nutar Christine Abela li spjegatilha li kienet ser taghmel ir-ricerki u xehdet illi n-Nutar Abela kienet ghamlet ir-ricerki u sabet illi Pauline Calamatta kienet ghamlet kuntratt li permezz tieghu dawwret fuq isimha id-dar taghha, jigifieri ta’ Carabott, 66 Guze Damato Street, Paola. Carabott xehdet illi l-konvenuta ghamlet dan minghajr il-permess taghha u kontra l-volonta taghha b’abbuz tal-prokura li kienet ghamlitilha u qalet illi hija din il-prokura kienet ghamlitilha biss sabiex issarfilha ic-cheque tal-pensjoni. Carabott xehdet ukoll illi mhuwiex minnu illi l-konvenuta ipprestatilha xi servigi u qalet li ta’ dak li ghamlet maghha il-konvenuta hija dejjem hallsitha. Hija qalet illi l-konvenuta ghamlet dak illi ghamlet ghaliex ratha ma nies li verament kienu qeghdin jiehdu hsiebha u ghalhekk vantagg minnha u minn gidha bil-qerq, bl-ingann u bis-serq.

“Ikkunsidrat :

“Illi irrizulta mix-xiehda ta’ Mary Anne Darmenia illi hija iltaqghet ma Yolanda Carabott ghall-habta tal-1991. Hija qalet illi ohtha Rose Tabone kienet tmur ghand Yolanda Carabott kull nhar ta’ Hadd u tohrogha u hija kienet tmur ghandha regolarment u gieli hargitha wkoll. Ix-xhud qalet li kienet taf illi l-konjugi Calamatta kienu wkoll hbieb ta’ Yolanda Carabott, izda sa fejn taf hi huma kienu jiehdu hsieb biss illi jippreparawlha l-pilloli li jkollha tiehu matul il-gurnata kollha. Pero’ la kienu issajrulha u lanqas ma kienu jahslulha l-appartament. Hija xehdet illi kienet taf li kienu jiehdu hsieb ukoll issarfulha c-cheque tal-pensjoni. Ix-xhud qalet illi ghall-habta tal-1993 Yolanda Carabott kellha tmur l-isptar u ix-xhud kienet issajjrilha u tehdilha l-ikel l-isptar. Meta Yolanda harget mill-isptar irritornat id-dar taghha u baqghet tiehu hsieb taghha innifisha. Izda fl-1997 Carabott regghet kellha bzonn tidhol l-isptar. Meta irritornat mill-isptar Yolanda Carabott ma setghetx aktar tiehu hsieb taghha innifisha u ghalhekk fl-20 ta’ Marzu 1998 Yolanda Carabott marret tghix max-xhud Mary Anne Darmenia. Ix-xhud qalet illi Yolanda Carabott kienet kuntenta hafna ghandha peress illi meta kienet ir-Rahal Gdid hadd ma kien qed jiehu hsieb jahslilha hwejjigha, issajjrilha u jahslilha d-dar taghha. Ftit jiem wara li marret toqghod ghandha Yolanda Carabott, kienet gew il-pulizija li kellmu lil Yolanda Carabott wahedha u dana fuq rapport li kienet ghamlet il-konvenuta fis-sens illi x-xhud u l-familjari taghha kienu serqu xi oggetti mid-dar ta’ Yolanda Carabott. Ix-xhud kompliet tghid illi kienet giet id-dar taghha il-konvenuta u bdiet tghajjat ma Yolanda Carabott u tghidilha “X’ghamiltilna, x’ghamiltilna”. Carabott talbitha lura c-cavetta tar-residenza taghha u l-konvenuta wegheditha li kienet ser tirritornahielha billi thallihielha fuq il-mejda tad-dar taghha, flimkien mal-karta s-safra biex tigbor il-pilloli mill-isptar u l-prokura li kienet tatha. Ix-xhud kompliet tghid illi Yolanda Carabott ma baqghetx tghix maghha sakemm mietet ghaliex erba’ gimghat qabel il-mewt taghha regghu haduha d-dar taghha u ohtha, li ma kienitx tahdem, marret tghix ma Yolanda Carabott fid-dar taghha stess. Ix-xhud xehdet illi meta Yolanda Carabott kienet qeghda tghix maghha hija kienet talbet lil Dr Matthew Brincat biex jigi ghandha u ikellem lil Yolanda

Carabott u f'dik l-okkazzjoni Yolanda Carabott kienet ghamlet prokura generali favur ix-xhud. L-Avukat Brincat ghan-nom ta' Yolanda kien kiteb lill-konvenuta sabiex tirritornalha l-prokura illi kellha, izda l-konvenuta ma irritornatx il-prokura mal-ewwel, irritornataha biss fit-8 ta' Mejju 1998. Sussegwentement huma saru jafu li kien sar kuntratt fit-2 ta' April 1998 fejn gie dikjarat illi l-konvenuti kellhom jiehdu servigi minghand Yolanda Carabott fis-somma ta' madwar sittax il-elf lira Maltin (LM16,000) u minflok ma hadu din is-somma inghataw ir-residenza ta' Yolanda Carabott, 66 Triq Guze D'Amato Paola. Hija kienet qalet b'dan lil Yolanda Carabott li bdiet tghid illi l-konvenuta kienet serqitha u li hija ma kellha tatiha xejn bhala servigi. Ix-xhud kompliet tghid illi saru jafu illi l-konvenuta kienet biddlet is-serratura tal-post u ghalhekk hi, ohtha u Yolanda Carabott marru lura fir-residenza ta' Yolanda Carabott u sgassaw, izda gew fuq il-post il-konjugi Caramatta u it-tfal taghhom li bdew jghajjtu maghhom u jkeccuhom mill-post. Finalment ix-xhud qalet illi saret taf bil-kuntratt tat-2 ta' April 1998 fit-30 ta' Lulju 1998 meta marret biex thallas ic-cens dovut fir-rigward tal-fond ta' Yolanda Carabott u n-Nutar infurmahha illi l-fond ma kienx ghadu ta' Carabott, izda kien sar tal-konvenuta.

"Ikkunsidrat :

"Illi xehdet wkoll Maryrose Tabone u qalet illi saret taf lil Yolanda Carabott fl-1991. Ix-xhud ikkolloborat ix-xiehda illi tat ohtha Mary Ann Darmenia. Ix-xhud qalet illi meta Yolanda Carabott kienet tghix ma ohtha kienet ghamlet testment fejn halliet il-postijiet kollha li kellha lil ohtha, inkluz il-post illi effettivament kien gie trasferit lill-konvenuta.

"Illi xehdet Dr Christine Abela illi qalet illi kienet giet mitluba minn Mary Ann Darmenia biex tmur id-dar taghha fejn kienet qeghda tabita Yolanda Carabott fejn hemmhekk sar testment. Xi xahrejn wara regghet giet mitluba tmur fl-istess dar fejn sar testment iehor. Dr Christine Abela xehdet illi meta sar l-ewwel testment hija kellmet lil Yolanda Carabott, kemm wahedha, kif ukoll fil-prezenza ta' Mary Ann Darmenia u Carabott kienet

qaltilha li xtaqet thalli xi haga lil Darmenia li kienet qeghda iddur biha u f'dan l-ewwel testment Carabott halliet id-dar taghha lil Mary Ann Darmenia. Sussegwentement kienu saru xi ricerki u irrizulta li fil-fatt din id-dar kienet giet trasferita lill-konvenuta u ghalhekk sar it-tieni testment fejn Carabott istitwiet bhala unika eredi taghha lil Mary Anne Darmenia. Fir-rigward ta' dan it-tieni testment Dr Abela xehdet illi hija regghet kellmet lil Carabott u staqsietha kienitx certa minn dak li kienet qeghda taghmel u Carabott qaltilha li la darba kienet Darmenia li kienet qeghda iddur biha xtaqet thallilha xi haga. In-Nutar Abela ikkonfermat li dawn iz-zewg testmenti saru minn Carabott minghajr ma kien hemm xi sforz fuqha u hija assigurat ruhha illi dak li kien qieghed isir fit-testmenti kien effettivament ix-xewqa ta' l-istess Carabott. Hija xehdet ukoll illi kull darba li sar testment gie ipprezentat lilha c-certifikat mediku fir-rigward tal-kundizzjoni ta' Yolanda Carabott u fiz-zewg okkazzjonijiet ic-certifikat mediku kien wiehed ricenti. Hija qalet illi dawn ic-certifikati medici gew annessi mat-testmenti relattivi.

“Illi xehed in-Nutar Dr Tonio Spiteri li kien ippubblika il-kuntratt datat 2 ta' April 1989. Huwa xehed illi dan kien kuntratt ta' datio in solutum u fuqu kienu dehru Pauline Calamatta ghan-nom ta' Yolanda Carabott illi kellha prokura generali u minn naha l-ohra kienet dehret it-tifla ta' Pauline Calamatta, Yvette Bonnici li dehret ghan-nom tal-genituri taghha u cioe' Pauline Calamatta u zewgha Carmelo Calamatta. In-Nutar ma ftakarx jekk kienx tkellem jew le ma Yolanda Carabott qabel sar dan il-kuntratt u ma ftakarx jekk kienx iltaqa ma Yolanda Carabott qabel sar il-kuntratt jew le. In-Nutar Spiteri xehed illi huwa nizzel fil-kuntratt dak li qalulu l-partijiet illi dehru quddiemu u qal ukoll illi kien jaf illi l-partijiet kienu hadu parir legali fir-rigward ta' dan il-kuntratt, kif ukoll fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tas-servigi. In-Nutar esebixxa kopja tal-prokura generali li kienet saret minn Yolanda Carabott a favur ta' Pauline Calamatta.

“Illi xehed ukoll l-Ispettur Emanuel Camilleri illi ikkonferma illi f'Marzu 1989 kien sarlu rapport minn Pauline Calamatta fis-sens illi Yolanda Carabott kienet ittiehdet

fid-dar ta' Mary Anne Darmenia u kienet qeghda tigi mizmuma hemm hekk b'mod traskurat. L-Ispettur xehed illi kien mar fid-dar ta' Darmenia, kien kellem lil Yolanda Carabott wahedha u kien sabha fi stat tajjeb. Huwa xehed illi kien irrefera ir-rizultanzi tieghu lil Calamatta u jaf illi Calamatta u Darmenia bdew jilletikaw permezz tat-telephone u jiggieldu bejniethom. L-Ispettur xehed illi kien sodisfatt bir-risposti li taghtu Yolanda Carabott peress illi irrispondietu b'mod car u kienet lucida.

"Illi xehed ukoll it-Tabib Dr John Vella illi ikkonferma li kien hareg ic-certifikati illi huma annessi maz-zewg testmenti li ghamlet Yolanda Carabott fiz-zmien illi kienet qeghda tghix il-Gzira ma Mary Anne Darmenia. It-Tabib Vella xehed illi mentalment Yolanda Carabott ma kellha l-ebda problemi u l-istat mentali taghha kien tajjeb hafna.

"Illi xehed ukoll Dr Matthew Brincat illi kien kellem lil Yolanda Carabott fid-dar ta' Mary Anne Darmenia, fuq talba ta' l-istess Mary Anne Darmenia. Huwa xehed illi Yolanda Carabott kienet qaltlu li kienu naqsulha xi flus u qaltlu li kienet tat prokura generali lil xi girien u xtaqet tirtira din il-prokura. Huwa ha hsieb jikteb lil girien taghha, Calamatta f'dan is-sens. Huwa kien ipprezenta ittra ufficjali sabiex ai termini tal-Ligi l-prokura tigi terminata ufficjalment u sussegwentement il-prokura kienet giet ritornata. Dr Brincat qal illi Yolanda Carabott xtaqet taghmel prokura generali lil Darmenia u ghamlet ukoll l-affidavit illi fil-fatt huwa ipprezentat f'dawn l-atti u marret hi stess il-Qorti sabiex tahlef dan l-affidavit. Dr Matthew Brincat xehed ukoll illi kien jaf illi Yolanda Carabott kienet ser taghmel testmenti u kien irrakkommanda lin-Nutar Christine Abela. Huwa xehed ukoll illi wara li n-Nutar kienet ghamlet ir-ricerki u skoprew bil-kuntratt illi kien sar illi permezz tieghu il-konvenuta akkwistat il-fond fejn kienet tirrisjedi Yolanda Carabott, Yolanda Carabott kienet inkwetata hafna dwar dan il-fatt.

"Ikkunsidrat :
"Illi xehed in-Nutar Dottor Pierre Attard u ikkonferma illi saret prokura fl-atti tieghu fl-24 ta' Awissu 1993 li permezz taghha Yolanda Carabott innominat lil Pauline Calamatta

bhala l-prokuratrici taghha permezz ta' prokura generali, illi umbaghad giet tranzunta fl-atti tieghu tas-26 ta' Awissu 1993.

"Illi xehed ukoll in-Nutar Dottor Victor Bisazza illi qal illi Yolanda Carabott kienet ghamlet testment ghandu fit-22 ta' Dicembru 1993 u f'dan it-testment kienet innominat bhala eredi universali taghha lil Pauline Calamatta. Flimkien ma dan it-testment kien hemm anness certifikat mediku fis-sens illi Yolanda Carabott kellha "full intellectual capacity" u dan ic-certifikat mediku kien irrilaxxjat mill-psikjatra George Debono.

"Illi xehed ukoll Dottor Joseph Carabott D'Amato illi kien it-tabib kuranti ta' Yolanda Carabott ghal diversi snin. Huwa xehed illi kien hemm diversi nies li kienu jiehdu hsieb lil Yolanda Carabott fosthom membri tal-familja taghha, kif ukoll girien taghha, il-konvenuti Calamatta. Huwa xehed illi l-konjugi Calamatta kienu jiehdu hsieb igibu il-medicini lil Yolanda Carabott u gieli izerta wkoll lill-konvenuti fid-dar ta' Carabott meta kien imur jaraha. Huwa xehed illi Yolanda Carabott qatt ma qaltlu min kien jiehu hsiebha, jekk hux il-konvenuti jew Mary Anne Darmenia.

"Illi xehdet ukoll Marie Therese Carabott kugina ta' Yolanda Carabott. Hija xehdet illi Yolanda kienet tghidilha illi kienet tiehu hsiebha l-konvenuta Pauline Calamatta u kienet tehodha wkoll l-isptar u tmur tixtrilha. Hija xehdet illi l-facendi tad-dar kienet taghmilhom Yolanda Carabott stess.

"Illi xehdet ukoll certa Mary Serge u qalet illi kienet tmur spiss ghand Yolanda Carabott u taf illi l-konvenuta Pauline Calamatta kienet tiehu hsiebha u kienet anke taghmlilha facendi d-dar u iggibilha l-pilloli.

"Illi xehdet il-konvenuta Pauline Calamatta illi qalet illi kienet gara ta' Yolanda Carabott ghal zmien twil. Meta mardet Yolanda Carabott kienet taghmlilha l-facendi tad-dar, tahsilha hwejjigha, titmahha, u tehdilha hsieb il-medicini, tehodha ghand it-tabib u l-isptar. Gieli kienet ukoll tohrogha. Hija xehdet illi Carabott kienet ghamlitha

prokuratrici taghha u hi kienet tikbilha l-ircevuti tal-kirjiet li kienet tircievi u gieli gibditilha wkoll flus mill-bank. Kienet tircievi l-pensjoni ghan-nom taghha u tghaddihielha. Il-konvenuta xehdet illi Yolanda Carabott tatha ir-residenza fejn kienet tghix b'donazzjoni u kienet ukoll ghamlet testment ghand in-Nutar Victor Bisazza fejn kienet innominathta bhala l-eredi universali taghha. Il-konvenuta kompliet tixhed illi Yolanda Carabott ma tantx kienet issemmi lil Darmenia, izda lil oht Darmenia, Rose Tabone u taf li din Rose Tabone kienet tmur tara spiss lil Yolanda Carabott u gieli wkoll haditilha xi affarijiet ta' l-ikel. Hija xehdet li fl-20 ta' Marzu 1998 kienu hadu lil Yolanda Carabott mir-residenza taghha biex tmur toqghod ma Darmenia il-Gzira. Il-konvenuta xehdet illi Carabott ma kienet qaltilha xejn b'dan u sal-ahhar hin hija baqghet taghtiha l-ikel u taghmlilha l-facendi. Il-konvenuta ikkonfermat illi kienet ghamlet rapport lill-pulizija u l-pulizja kienu marru jivverifikaw l-affarijiet fir-residenza ta' Darmenia. Il-konvenuta kompliet tixhed illi anke hi kienet marret tara lil Carabott fir-residenza ta' Darmenia, izda dawn kienu trattawha hazin u ghalhekk issuspettat hazin u marret tiehu parir legali u minhabba f'dan kollu sar il-kuntratt li permezz tieghu Yolanda Carabott ittrasferitilha d-dar fejn kienet toqghod u dan biex tikkumpensaha tas-servigi li hija kienet ipprestatilha u fuq dan il-kuntratt il-konvenuta kienet dehret ghan-nom ta' Yolanda Carabott u minhabba l-prokura illi kellha kienet iddelegat din il-prokura lit-tifla taghha cioe' lil Yvette Bonnici li dakinhar dehret ghan-nom ta' Yolanda Carabott fuq il-kuntratt li permezz tieghu il-fond gie trasferit lilha u lil zewgha. Il-konvenuta xehdet illi ma kellmitx lil Yolanda Carabott qabel ma sar dan il-kuntratt u ma avzathiex b'dan kollu. Permezz ta' dan il-kuntratt kien gie rizervat id-dritt li Yolanda Carabott li tibqa tuza d-dar taghha matul hajjitha kollha.

"Illi xehdet ukoll Mary Frendo, omm Pauline Calamatta, illi qalet illi kienet gara ta' Yolanda Carabott ghal zmien twil. Hija xehdet illi bintha il-konvenuta Pauline Calamatta kienet tghin lil Yolanda Carabott billi taghtiha l-pilloli u tehodha l-isptar. Kienet ukoll tehdilha hsieb l-ircevuta tal-kirjiet, tahslilha l-hwejjeg u gieli wkoll tehdilha l-ikel meta

Yolanda tkun ma tiflahx. Hija xehdet illi bintha l-konvenuta gieli harget lil Yolanda Carabott u haditha l-isptar diversi drabi bil-karozza taghha. Hija xehdet illi kull gimgha kienu jahslu l-hwejjeg ta' Yolanda Carabott, izda Yolanda kenet issajjar hi stess ghaliha innifisha.

"Illi xehdet Yvette Bonnici bint il-konvenuta illi ikkonfermat ix-xhieda illi tat ommha. Dwar il-kuntratt li permezz tieghu ir-residenza ta' Yolanda Carabott giet trasferita f'isem il-konvenuta hija xehdet illi ma kellmitx lil Yolanda Carabott qabel ma sar dan il-kuntratt u lanqas ma dahlet fid-dettalji tal-kuntratt , izda xehdet illi kienet taf illi n-Nutar u l-Avukat kienu stabbilew bejniethom il-valur tas-servigi illi gew allegatament resi mill-genituri taghha lil Yolanda Carabott, kif ukoll gie stabbilit il-valur tad-dar illi kienet giet trasferita. Hija xehdet illi l-Avukat kien Dr Albert Libreri u n-Nutar kien Dr Tonio Spiteri. Ix-xhud kompliet tghid illi l-kuntratt sar peress illi l-genituri taghha kienu qeghdin jibzghu li kienu ser jitwarbu wara li Yolanda Carabott ittiehdet toqghod il-Gzira ghand Darmenia u qalet ukoll illi l-genituri taghha kienu qeghdin jibzghu illi ser jinbidel it-testment illi permezz tieghu huma kienu thallew eredi universali taghha.

"Illi xehed ukoll Edward Calamatta, iben il-konvenuta, illi wkoll ikkonferma illi ommu kienet tippresta servigi lil Yolanda Carabott. Xehed ukoll il-konvenut Carmelo Calamatta illi wkoll ikkonferma x-xiehda illi tat martu il-konvenuta Pauline Calamatta. Mistoqsi kif waslu ghas-somma ta' sittax il-elf u disa mitt lira bhala valur ta' servigi li huma irrendew lil Yolanda Carabott huwa xehed illi hu u martu kienu hallew f'idejn il-konsulent legali taghhom Dr Albert Libreri, kif ukoll f'idejn in-Nutar Spiteri. Huma ma kienux ikkonsultaw lil Yolanda Carabott dwar din is-somma. Huwa xehed illi l-kuntratt sar fuq il-parir ta' l-Avukat difensur taghhom.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-Qorti ser tghaddi issa sabiex tezamina u tiddeciedi t-talbiet attrici fid-dawl tal-fatti u l-provi imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-gudikat.

“Illi l-ewwel talba attrici hija fis-sens illi il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi l-kunsens ta' l-attrici fuq il-kuntratt tat-2 ta' April 1998, fl-Atti tan-Nutar Dottor Tonio Spitieri kien vizzjat in kwantu kien ottenut b'ingann, frodi u misrapprezentazzjoni da parti tal-konvenuti.

“Illi ghal din it-talba il-konvenuti eccepew illi din it-talba hija insostenibbli stante li l-attrici ma kienitx firmatarja tal-kuntratt tat-2 ta' April, 1998 u kwindi ma jistax jezisti vizzju o meno tal-kunsens taghha.

“Ikkunsidrat :

“Illi rexissjoni hija differenti minn nullita u mir-rizoluzzjoni ta’ kuntratt tant illi l-Ligi innifisha kienet tipprovdi ghalihom taht kapijiet differenti. Fis-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ Gunju 1965 fl-ismijiet Emmanuele Calleja vs Joseph Grech Vol. XL1X 2955 inghad:

““Id-differenza hi cara in kwantu fin-nullita il-kuntratt ma jkun qatt ezista. Fir-rexxissjoni il-kuntratt ghalkemm validu ikun difettuz u ghalhekk annullabbli. Mentri fir-risoluzzjoni il-kuntratt ikun perfett imma semplicement soggett ghax-xoljiment fil-kaz li xi wahda mill-partijiet ma tissodisfax l-obbligazzjoni taghha.“

“Illi r-rekwiziti essenzjali biex kuntratt ikun jiswa huma stabbiliti mil-Ligi permezz ta’ l-Artikolu 966 tal-Kodici Civili. Il-Qorti ta’ l-Appell ittrattat ukoll din il-kwistjoni fis-sentenza taghha fl-ismijiet Gaetano Spiteri vs Carmelo Spiteri et moghtija fit-28 ta’ Gunju 1957 Vol. XL1. 1.412.

“Illi l-Artikolu 966 tal-Kap. 16 jaqra kif gej :

“Ir-rekwiziti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, huma:

“(*a*) illi l-partijiet ikunu kapaci biex jikkuntrattaw;

“(*b*) il-kunsens ta’ dak illi jobbliga ruhu;

“(c) haga zgura li tkun l-oggett tal-kuntratt;

“(*d*) kawza lecita biex wiehed jobbliga ruhu.”

“Ikkunsidrat :

“Illi l-kuntratt tat-2 ta’ April 1998 ta’ datio in solutum jinsab esebit a fol 7 sa fol 10 tal-process.

“Illi minn ezami ta’ dan il-kuntratt jidher illi fuq dan il-kuntratt dehret Pauline Calamatta, izda ma dehritx f’isimha proprju, imma dehret ghan-nom u fl-interess ta’ Yolanda Carabott u dan kif debitament awtorizzata bi prokura generali tranzutata fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard tas-26 ta’ Awissu, 1993 u konsegwentement l-eccezzjoni tal-konvenuti qeghda tigi respinta mill-Qorti peress illi l-konvenuta meta tat il-kunsens taghha fuq dan il-kuntratt ma kienitx qeghda taghtih f’isimha proprju izda f’isem Yolanda Carabott u dan ghamlitu bis-sahha tal-prokura generali illi kienet tatha Yolanda Carabott kif fuq imsemmi.

“Illi fuq il-kuntratt imsemmi ta’ datio in solutum fuq in-naha l-ohra dehret Yvette Bonnici bint l-istess konvenuta li dehret ghan-nom u fl-interess tal-genituri taghha Carmelo Calamatta u Pauline Calamatta, debitament awtorizzata in forza ta’ prokura specjali.

“Illi fil-kuntratt qabel xejn il-partijiet ippremettew illi Yolanda Carabott kienet debitrici versu il-konjugi Calamatta fis-somma ta’ sittax il-elf u disa mitt lira Maltin (LM16,900) rapprezentanti valur ta’ kuri, servigi u assistenza li huma irrendewlha u ipprestawlha ghal madwar dawn l-ahhar tlettax (13) il-sena u illi l-istess Yolanda Carabott ma kienitx f’posizzjoni finanzjarja li thallas l-imsemmi debitu u ghalhekk il-kuntratt ighid illi il-partijiet ftehmu illi tigi assenjata b’titolu ta’ datio in solutum il-proprjeta 66, gia numru 8, fi Triq Guze D' Amato, Paola, b’titolu ta’ datio in solutum ghas-saldu tal-istess debitu, bonarjament konvenut bejn il-partijiet.

"Illi b'hekk Pauline Calamatta nomine ikkoncediet u ittrasferiet b'titolu ta' datio in solutum a favur ta' Yvette Bonnici nomine li accettat u akkwistat bl-istess titolu u in total sodisfazzjon tad-debitu fuq citat, id-dar numru sitta u sittin (66) fi Triq Guze D'Amato Rahal Gdid. Pauline Calamatta nomine iggarantiet il-pussess pacifiku tal-proprjeta minnha trasferita a favur Yvette Bonnici nomine b'ípoteka generali tal-beni kollha, prezenti u futuri tal-mandanti taghha.

"Illi wkoll il-proprjeta giet trasferita tale quale pero Pauline Calamatta nomine zammet a favur taghha id-dritt tal-uzu u tal-abitazzjoni gratuwitu tal-proprjeta matul hajjitha kollha.

"Illi stabbilit il-premess, il-Qorti issa ser tezamina jekk il-kunsens ta' l-attrici Yolanda Carabott fuq il-kuntratt tat-2 ta' April 1998 kienx vizzjat jew le in kwantu ottenut b'ingann, frodi u misrapprezentazzjoni da parti tal-konvenuti.

"Illi l-fattur ta' qerq jipprovi ghalih l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili.

"Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Dicembru 1919 fl-ismijiet Innocenzo Galea vs M Zammit gew senjati il-principji kardinali fir-rigward ta' dolo f'materja civili u dawn kienu is-segwenti :

"(a) illi l-inganni kienu l-kawza determinanti li taw lok ghall-ftehim (vide sentenza Tereza Galea vs Salvatore Bonnici Vol. X. 592 u Alice Cassar Torreggiani vs Albert R Manche Appell Civili 17 ta' Marzu 1958 Vol. XL 11.i.126.

"(b) l-ezistenza ta' element specifiku kostitwit mill-ingann uzat (Vide Giovanni Farrugia Gay vs Emmanuele Farrugia Gay, Prim'Awla 3 ta' Mejju, 1921 Vol XX1V.ii.578

"(c) in necessita tal-prova tad-dolo jew frode minn min jallegah (Vide Joseph Mifsud nomine vs Paul Tanti, Prim'Awla 4 ta' Frar 1965 Vol. XLIX ii.722 Joseph

Galea et vs AIC Walter Caruana Montaldo Appell Civili 14 ta’ Mejju, 1971)

“Ikkunsidrat :

“Illi l-azzjoni attrici hi ibbazata fuq l-Artikolu 1212 tal-Kodici Civili li jghid hekk :

““Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-ligi tiddikjara espressament li hu null, hu suggett ghar-rexxissjoni.”

“L-Artikolu 966 (b) ta’ l-istess Kodici Civili jghid hekk :

““il-kunsens ta’ dak illi jobbliga ruhu huwa wiehed mir-rekwiziti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa u dan il-kunsens jigi newtralizzat f’dak li jkun vizzjat b’qerq.“

“L-Artikolu 981 tal-Kodici Civili jghid hekk :

““L-eghmil doluz huwa motiv ta’ nullità tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta.“

“Is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu 981 umbaghad ighid hekk :

““(2) L-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat.”

“Illi fis-sentenza deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Marzu, 2003 fl-ismijiet “Joseph Aquilina et vs Alfred Ellul” gie deciz illi :

““L-elementi tad-dolus huma ben definiti fil-gurisprudenza u fid-duttrina. Biex ikun hemm id-dolo jridu jikkonkorru erba’elementi, li huma (a) l-intenzjoni li jqarraq da parti tal-parti l-ohra; (b) l-eghmil doluz irid ikun gravi; (c) id-dolo trid tkun determinanti biex gie iffirmat il-kuntratt; u (d) id-dolo irid ikun sehh bill-partecipazzjoni, attiva jew passiva, tal-parti l-ohra.”

“Illi sabiex il-qerq ikun gravi irid ikun tali li persuna ta’ dehen ordinarju ma jgharafx li jkun gie imqarraq, irid imur lil hinn mill-ftahir ezagerat dwar xi kwalita ta’ l-oggett tan-negozju u irid ikun tali illi li kieku ma kienx ghal dak il-qerq il-persuna ma kienitx tersaq ghan-negozju in kwistjoni (Ara sentenza deciza minn din il-Qorti fl-4 ta’ Frar 1965 fl-ismijiet Mifsud nomine vs Tanti (Kollezzjoni Vol. XL1X. ii.722).

“Illi peress li l-eghmil doluz ma jistax jigi prezunt il-parti li tallega illi l-kunsens taghha gie milqut mill-vizzju tal-qerq trid tipprova dan il-fatt.

“Illi fis-sentenza deciza minn din il-Qorti fit-28 ta’ Lulju 2004 fl-ismijiet **George u Miriam konjugi Portelli vs Ivan John Felice** intqal hekk :

““Illi l-qerq ma jistax jigi allegat meta l-fatti setghu jigu stabiliti bla xkiel jew diffikulta’ zejda mill-parti li tallega il-qerq, ghaliex f’kaz bhal dan ix-xilja ta’ qerq ma tkunx ghajr skuza facli biex wiehed jahrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun dahal ghalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq. Fuq kollox, ghall-kuntrarju ta’ dak li huwa mehtieg meta jigi allegat l-izball, fil-kaz tal-qerq l-effett tal-ghemil doluz ma hemmx bzonn li jaqa’ fuq is-sustanza tal-oggett tan-negozju li jkun.”

“Ikkunsidrat :

“Illi l-attrici ibbazat ukoll l-azzjoni taghha fuq l-Artikolu 1368 tal-Kodici Civili li jghid li gej :

““Izda, hu null il-bejgh maghmul direttament jew b’persuni interposti, lil tuturi jew kuraturi, ta’ beni ta’ persuni li jkunu taht it-tutela jew il-kurazija taghhom, jew lil mandatarji ta’ dawk il-beni li huma jkunu inkarigati jbighu, ukoll jekk dan il-bejgh isir fl-irkant taht is-setgha tal-Qorti.”

“Izda il-Qorti tara li dan l-Artikolu japplika biss ghall-istituzzjonijiet ta’ “turorship” u “curatorship” u mhux ghal dak tal-mandat.

“Illi invece il-kaz odjern huwa regolat mid-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili dwar il-Mandat illi jinsabu fl-Artikoli 1856 sal-Artikolu 1890 tal-Kap. 16.

“Ikkunsidrat :

“Illi li kieku il-kaz sehh wara l-2004 kienu japplikaw ukoll id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili dwar l-obbligazzjonijiet fiducjarji u fost dawn l-obbligazzjonijiet il-ligi trid illi il-fiducjarju irid jezercita diligenza ta’ bonus pater familias fl-ezekuzzjoni ta’ l-obbligi tieghu u jevita kull konflitt ta’ interess fost obbligazzjonijiet ohra.

“Illi cioe nonostante japplikaw ghall-kaz odjern id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 1132 tal-Kodici Civili fis-sens illi il-mandatarju fil-qadi tad-dmirijiet tieghu irid dejjem juza diligenza ta’ bonus pater familias kif jipprovdi l-Artikolu 1032 tal-Kodici Civili.

“Illi di pui il-mandatarju huwa responsabbli mhux biss ghall-frodi izda anke ghal negligenza fil-qadi tad-dmirijiet tieghu bhala mandatarju u dan ai termini tal-Artikolu 1874 tal-Kap. 16.

“Ikkunsidrat :

“Illi irrizulta bl-aktar mod car mill-provi prodotti illi Yolanda Carabott meta tat il-prokura generali lill-konvenuta Pauline Carabott certament ma ghamiltx dan bl-intenzjoni illi l-istess konvenuta Pauline Carabott tkun tista tiddisponi mill-proprjeta taghha.

“Illi tant hu hekk illi kienet l-istess Yolanda Carabott illi qabel ma mietet istitwiet din il-kawza ghar-rexxissjoni tal-kuntratt imsemmi u ghamlet affidavit fejn xehdet bil-gurament u qalet illi hija qatt ma riedet illi Pauline Calamatta tiddisponi mill-proprjeta taghha, f’dan il-kaz ir-residenza taghha stess, u fejn cahdet illi kellha taghti l-ammont illi l-konvenuta tallega illi ghandha taghtiha ghal servigi allegatament rezi lilha mill-konvenuta.

“Illi di piu irrizulta ukoll mill-provi illi ftit jiem biss wara illi sar l-imsemmi kuntratt ta’ datio in solutum Yolanda Carabott ipprezentat ittra ufficjali tramite l-avukat difensur taghha sabiex jigi terminat il-mandat illi hija kienet tat lill-konvenuta Pauline Calamatta.

“Illi appena Yolanda Carabott saret taf bil-kuntratt ta’ datio in solutum hija mal-ewwel hadet parir legali u istitwiet il-kawza odjerna kif diga’ inghad sabiex jigi rexxiss l-imsemmi kuntratt.

“Illi inoltre hija ghamlet zewg testmenti illi permezz taghhom halliet ir-residenza taghha lil terza persuna u mhux lill-konvenuta.

“Illi inoltre kemm il-konvenuta Pauline Calamatta, kif ukoll bintha Yvette Bonnici xehdu illi huma, qabel ma gie ippubblika il-kuntratt ta’ datio in solutum in kwistjoni, la infurmaw lil Yolanda Carabott illi kien ser isir dan il-kuntratt, la ftehmu maghha dwar l-ammont ta’ servigi allegatament dovut minnha lilhom u lanqas ma tawha ebda informazzjoni dwar dan il-kuntratt.

“Illi wkoll kemm il-konvenut Carmelo Calamatta, kif ukoll il-konvenuta Yvette Bonnici xehdu bla tlaqliq u bil-gurament taghhom illi l-ammont ta’ servigi allegatament dovut minn Carabott gie stabbilit mill-avukat difensur u minn Nutar illi ippubblika l-kuntratt u dawn il-konvenuti flimkien mal-konvenuta Pauline Calamatta xehdu illi l-ideja illi isir il-kuntratt ta’ datio in solutum kienet kollha tal-Avukat difensur taghhom u mhux taghhom u huma ghamlu biss skond ma qalilhom biex jaghmlu l-avukat difensur taghhom wara li huma kienu talbuh parir legali.

“Illi dan kollu iwassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni cara illi l-kunsens ta’ Yolanda Carabott fuq il-kuntratt imsemmi ta’ datio in solutum kien vizzjat bi frodi u dana peress illi il-mandatarja taghha Pauline Calamatta abbuzat minn prokura generali lilha moghtija minnha sabiex ittrasferit a favur taghha proprjeta ta’ Yolanda Carabott.

“Illi Yolanda Carabott lanqas biss kienet taf illi l-proprjeta taghha kienet qeghda tigi assenjata lil Pauline Calamatta u wisq anqas ma giet konsultata jew b’xi mod infurmata b’dan kollu u ghalhekk m’huwiex minnu dak li tnizzel fil-kuntratt u cioe illi l-partijiet ftehmu li tigi assenjata b’titolu ta’ datio in solutum il-proprjeta ghas-saldu tal-allegat debitu dovut minn Carabott lil Calamatta bonarjament konvenut bejn il-partijiet.

“Illi t-tieni talba attrici hija li l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li l-imsemmi kuntratt huwa null u bla effett peress illi huwa mankanti minn kunsiderazzjoni stante illi ma gewx rezi bl-ebda mod is-servigi imsernmija fl-istess kuntratt.

“Ikkunsidrat :

“Illi peress illi r-rexxissjoni tippresupponi att inezistenti tista ghalhekk tidderiva minn simulazzjoni. (Ara sentenza tal-Qorti tal-Kummerc Francesco Theuma vs Luigi Camilleri et tal-1 ta’ Ottubru 1884).

“Illi fil-kuntratt in kwistjoni hemm imsemmi ammont dovut ghal servigi, izda l-istess konvenuti xehdu illi dan l-ammont mhux huma waslu ghalih, izda waslu ghalih l-avukat difensur taghhom u n-Nutar illi ippubblika l-kuntratt.

“Illi skond l-imsemmi kuntratt il-partijiet ftehmu dwar dan l-ammont allegatament dovut ghall-servigi, mentri mill-provi kollha kif diga intqal irrizulta illi mhux talli ma kienx hemm dan il-ftehim, izda talli Yolanda Carabott lanqas biss kienet taf illi kien qieghed isir il-kuntratt odjern.

“Illi meta att jigi attakkat minhabba simulazzjoni il-konsiderazzjoni volontarja indikata fil-kuntratt iggorr piz probatorju ta’ certa portata per ezempju meta il-prezz indikat ma jirriflettix il-valur reali (Ara sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet Gio Batta Gauci vs Andrea Cauchi tad-29 ta’ Jannar, 1945 kif ukoll sentenza ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Frar, 1995 fl-ismijiet J Vassallo et vs C Camilleri). Del resto is-simulazzjoni hi forma ta’ frodi. Vol. XXXV11. 797. Multo magis umbaghad fejn jirrizulta li dan lanqas biss thallas jew ghadda minn kontraent ghall-iehor.

“Illi ghalhekk u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza filwaqt illi tirrispingi l-ewwel, it-tieni u r-raba eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti u kwindi tichad it-tielet talba attrici, izda tilqa l-ewwel, it-tieni, ir-raba u l-hames talbiet attrici kif dedotti u tiddikjara illi l-kuntatt tat-2 ta' April 1998, fl-Atti tan-Nutar Dottor Tonio Spitieri huwa null u bla effett fil-ligi peress illi huwa vizzjat in kwantu kien ottenut b'ingann, frodi u misrapprezentazzjoni da parti tal-konvenuti u tiddikjara ukoll illi l-imsemmi kuntratt huwa null u bla effett fil-Ligi peress illi huwa mankanti minn kunsiderazzjoni stante illi ma gewx rezi bl-ebda mod is-servigi imsernmija fl-istess kuntratt u ghalhekk f’dan is-sens l-istess kuntratt kien simultat. Il-Qorti tordna li l-istess kuntratt jigi rexxiss ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u tinnomina lin-Nutar Dottor Pierre Attard sabiex jircievi l-opportun att ta’ rexxissjoni u tinnomina lil Avukat Dottor Charmaine Galea sabiex tirrapprezenta lill-eventwali kontumaci. Il-pubblikazzjoni ta’ l-att ghandu jsir fil-25 ta’ Gunju 2008 fil-11.30a.m. fl-edifficju tal-Qorti jew f’dak il-jum, hin u lok alternattiv li l-Qorti tawtorizza fuq rikors ta’ xi hadd mill-partijiet;

“Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti.”

**<u>Rikors tal-appell tal-konvenuti</u>:**

Il-konvenuti ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili u għalhekk interponew appell minnha.

<u>L-ewwel aggravju</u> tagħhom jikkonċerna l-ilqugħ tal-ewwel talba mill-ewwel Qorti, fejn iddeċidiet li l-kunsens tal-attrici fuq il-kuntratt tat-2 ta’ April 1998 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri kien vizzjat inkwantu kien ottenut b’ingann, frodi u misrappreżentazzjoni da parti tal-konvenuti. Huma jsostnu illi din it-talba ma setgħetx tintlaqa’ għaliex Yolanda Carabott ma kienitx firmatarja tal-kuntratt u kwindi ma setax jeżisti vizzju tal-kunsens tagħha. Jargumentaw li biex il-Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni li l-kunsens ta’ Yolanda Carabott kien vizzjat, l-attriċi messha talbet

pronunzjament li (1) il-kunsens tagħha fl-għoti tal-prokura kien vizzjat, jew (2) li l-konvenuta Pauline Calamatta marret oltre l-limiti tal-mandat mogħti lilha bil-prokura.

<u>It-tieni aggravju</u> tagħhom jikkonċerna l-ilqugħ tat-tieni talba mill-ewwel Qorti, fejn iddikjarat li l-kuntratt huwa null u bla effett peress li huwa nieqes minn konsiderazzjoni stante li ma ġew reżi l-ebda serviġi. Huma jsostnu li fil-fatt irrendew serviġi konsistenti u kontinwi għal diversi snin u li dan jirriżulta mhux biss mix-xhieda ta' Pauline Calamatta u żewġha, uliedhom u omm Pauline, iżda wkoll mix-xhieda mogħtija minn xhieda indipendenti bħal Mary Serge, Marie Therese Carabott u Dr. Joseph Carbott Montanaro. Jirreferu wkoll għat-testment li kien sar bħala att ta' rikonoxximent għas-serviġi reżi.

<u>**Risposta tal-appell tal-attriċi Mary Anne Darmenia:**</u>

Din il-Qorti qabel xejn tosserva li l-appellata, aktar milli rrispondiet għar-rikors tal-appell odjern u għall-aggravji kif elenkati mill-appellanti, għamlet użu tal-funzjoni tal-"*copy and paste*" li jipprovdi l-kompjuter, irriproduċiet in-nota ta' sottomissjonijiet li kienet ippreżentat fit-13 ta' Lulju 2007 u sempliċiment żiedet ma' tali "nota ta' sottomissjonijiet" xi punti oħra.

Hija ssostni li l-kuntratt kien vizzjat minn premessa fundamentali li *in se* kienet tivvizzja l-kunsens li trid il-liġi, u kwindi n-nullita` tal-istess att. Tgħid li "*Il-pretensjoni li l-appellanti kellha xi dritt tillikwida s-serviġi f'somma superjuri għall-valur tal-post trasferit ikompli jivvizzja mhux biss il-kunsens tal-attriċi iżda dan kollu sar ad insaputa tagħha meta fl-istess att jintqal proprju li kien hemm ftehim bonarju li mkien mill-provi ma seta jirriżulta meta l-appellanti u binthom stess dehru jirrappreżentaw lil xulxin kontra kull volonta` u b'mod klandestin mill-attriċi.*" Tkompli tgħid li mill-provi jirriżulta li lanqas is-serviġi kif dikjarati qatt ma ġew reżi.

L-appellata tinsisti li għalkemm l-ewwel Qorti ċaħdet it-tielet talba li l-kuntratt tat-2 ta' April 1998 kien bi ksur tal-Artikolu 1368 tal-Kodiċi Ċivili u li għalhekk kien null u bla

ebda effett, din il-Qorti għandha tagħti l-konsiderazzjoni opportuna "*għal abbuż u illegalita` tal-istess komparenti fuq l-imsemmi kuntratt sabiex fl-assjem tasal sabiex tapprezza illi l-kunsens kien vizzjat u għalhekk l-imsemmi kuntratt hu null u bla effett u għandu jiġi rexiss kif ordnat l-ewwel Qorti*". Jiġi osservat li l-appellata pero` ma intavolat l-ebda appell inċidentali fir-rigward tat-tielet talba li ġiet miċħuda mill-ewwel Qorti.

L-appellata żiedet tgħid ukoll li d-dikjarazzjoni tal-attriċi Yolanda Carabott li hija dejjem ħallset lil Pauline Calamatta tal-affarijiet li kienet tixtrilha u kienet tħallasha kemm titlobha, ma kien jaf biha ħadd għaliex inqalgħet *a tempo vergine* mill-attriċi defunta, u "*tibqa' l-aħjar konferma għall-ġudikant li jistrieh fuq provi ġenwini li jikkonfermaw l-ingann u pretensjonijiet foloz tas-serviġi li kienu tħallsu mill-attriċi stess li għalhekk ma setgħet qatt tintalab tillikwida l-istess serviġi*".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**:

Qabel ma tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji tal-appellanti, din il-Qorti ser telenka in suċċint il-fatti rilevanti tal-każ f'ordni kronoloġika:

i) 1986 – miet ħu l-attriċi Yolanda Carabott, u għalhekk hija bdiet tgħix waħedha fl-eta` ta' 72 sena (*affidavit tal-attriċi, fol. 23-25*)

ii) 24.08.1993 – l-attriċi għamlet prokura ġenerali favur il-konvenuta Pauline Calamatta fejn fost affarijiet oħra awtorizzatha "*to administer my property movable and immovable in the most ample and unlimited manner*". Il-prokura ġiet transunta fl-atti tan-Nutar Pierre Attard fis-26 ta' Awwissu 1993 (*fol 151-153*)

iii) 22.12.1993 – (erba' xhur wara li saret il-prokura) l-attriċi għamlet testment fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza li permezz tiegħu innominat bħala eredi universali tagħha lill-konvenuta Pauline Calamatta (*fol. 159-160*)

iv) 20.03.1998 – l-attriċi ma baqgħetx tgħix iktar waħedha fir-residenza tagħha ġewwa Raħal Ġdid, imma marret tgħix ma' Mary Anne Darmenia fil-Gżira (*affidavit ta' M'Ann Darmenia, fol. 73-83 u tal-konvenuta, fol. 183-189*). Il-konvenuta saret taf b'dan għaliex ċemplitilha Rose Tabone (oħt Mary Anne Darmenia) biex tinfurmaha.

v) 26.03.1998 – meta Rose Tabone, oħt Mary Anne Darmenia, marret biex tiftaħ id-dar tal-attriċi sabiex iġġibilha l-pilloli, u sabet li s-serratura tal-bieb kienet ġiet mibdula (*affidavit tal-attriċi, fol. 23-25*)

vi) 02.04.1998 – sar kuntratt li permezz tiegħu Pauline Calamatta f'isem Yolanda Carabott ittrasferiet lil Yvette Bonnici għan-nom tal-ġenituri tagħha Pauline Calamatta u Carmelo Calamatta l-proprjeta` 66 gia` 8, Triq Ġuże` D'Amato gia` Arcade Street, Raħal Ġdid b'titolu ta' *datio in solutum* għas-saldu tad-debitu ta' Lm16,900 rappreżentanti valur ta' serviġi reżi lil Yolanda Carabott għal madwar tlettax-il sena.

vii) 06.04.1998 – l-attriċi bagħtet ittra (permezz tal-avukat tagħha Dr. Matthew Brincat) lil Pauline Calamatta u lil żewġha, li biha talbithom biex fi żmien jumejn jirritornawlha l-prokura kif ukoll iċ-ċwievet tal-fond tagħha, li kienu fil-pussess tagħhom (*fol 13*)

viii) 16.04.1998 – l-attriċi ppreżentat ittra uffiċjali li permezz tagħha interpellat lil Pauline u Carmelo Calamatta sabiex "*formalment tgħarrafkom li hija tixtieq b'effett immedjat twaqqaf u tirrevoka kwalsiasi inkariku lilkom mogħti permezz ta' prokura ġenerali jew speċjali u għaldaqstant titolbkom sabiex b'effett immedjat tirritornaw għandha l-imsemmija prokura/i…*" Din l-ittra ġiet notifikata lill-intimati fit-22 ta' April 1998.

ix) 19.05.1998 – l-attriċi għamlet testment fl-atti tan-Nutar Christine Abela li permezz tiegħu irrevokat kull testment li għamlet qabel u ħalliet id-dar 66, Ġuże` D'Amato Street, Raħal Ġdid, bil-kontenut kollu tiegħu, lil Mary Anne Darmenia (*fol. 112-115*)

x) 01.09.1998 – l-attriċi għamlet testment fl-atti tan-Nutar Christine Abela li premezz tiegħu irrevokat kull testment li għamlet qabel u innominat lil Mary Anne Darmenia bħala l-werrieta unika tagħha (*fol. 44-46*).

xi) 19.02.1999 – l-attriċi mietet fl-eta` ta' 85 sena (*certifikat tal-mewt, fol. 43*).

**L-ewwel aggravju** tal-appellanti jirrigwarda l-ilqugħ tal-ewwel talba u cioe`, il-fatt li l-ewwel Qorti ddikjarat li l-kuntratt huwa null peress li l-kunsens tal-attriċi fuq il-kuntratt tat-2 ta' April 1998, fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri kien vizzjat in kwantu kien ottenut b'ingann, frodi u miżrappreżentazzjoni da parti tal-konvenuti. Il-konvenuti appellanti jargumentaw li kif huma stess eċċipew fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom, din it-talba ma setgħetx tintlaqa' peress li l-attriċi ma kienitx firmatarja tal-kuntratt u kwindi ma setax jeżisti vizzju tal-kunsens tagħha.

Effettivament l-attriċi mhux biss ma tatx struzzjonijiet speċifiċi biex il-konvenuta taljena l-proprjeta` tagħha, iżda jirriżulta li l-kuntratt sar *ad insaputa* tagħha. Mary Rose Tabone xehdet li "*Darba minnhom oħti, cioe` Mary Anne Darmenia, marret biex tħallas iċ-ċens għar-rigward tal-fond ta' Yolanda Carabott. Marret għand in-Nutar Vella Zarb. In-Nutar kien qalilha li dak il-post ma kienx għadu ta' Yolanda Carabott li fil-fatt kienet ittrasferietu lil Pauline Calamatta.*"[1] Meta imbagħad Mary Anne Darmenia infurmat lil Yolanda Carabott bl-eżistenza tal-kuntratt, jidher li l-istess Yolanda Carabott ħaditha ferm bi kbira: *"…hija bdiet tgħid, 'serqitni, nitfagħha l-ħabs'"*.[2]

Yolanda Carabott innifisha xehdet li "*Il-kuntratt li bih Pauline Calamatta dawret fuq isimha d-dar tiegħi f'66, Ġuże` D'Amato Street, Paola sar b'qerq u ingann kbir. Jiena la qatt ridt jew tajt il-permess biex dan isir.*" Fil-fatt il-konvenuta stess tikkonferma li "*Ma kellimthiex lil Yolanda Carabott qabel ma sar dan il-kuntratt u għalhekk ma*

[1] Xhieda ta' Mary Rose Tabone, 07.11.2000 (fol. 86-93)
[2] Xhieda ta' Mary Anne Darmenia, 27.04.2000 (fol. 73-83)

*avżajthiex li kien ser isir dan il-kuntratt jew li d-dar tagħha kienet ser tiġi trasferita lili*".

Fir-rigward tal-kunsens bħala wieħed mill-erba' rekwiżiti ta' kuntratt, l-Artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

*"Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'egħmil doluż, ma jkunx jiswa."*

Fil-każ inkwistjoni l-"kunsens" ta' Yolanda Carabott fuq il-kuntratt inkwistjoni tat-2 ta' April 1998, joħroġ mill-prokura ġenerali li hija kienet iffirmat fl-24 ta' Awwissu 1993 li permezz tagħha, fost affarijiet oħra, Yolanda Carabott awtorizzat lil Pauline Calamatta tamministra l-proprjeta` immobbli tagħha "*in the most ample and unlimited manner*". Minkejja li l-attriċi tinsisti li l-prokura kienet waħda limitata biss biex il-konvenuta ssarfilha ċ-ċekkijiet tal-penzjoni, il-konvenuta Pauline Carabott xehdet li dakinhar li marru għand in-Nutar Pierre Attard huwa kien staqsa lil Yolanda Carabott "*sinjura, din il-mara tafdaha, qaltlu b'għajnejja magħluqa, qallha taf li b'din il-karta tista' tirrovinak hux din, qaltlu tagħmel hi, tamministrali kollox hi…*". Veru li Pauline Calamatta hija parti interessata, iżda n-Nutar stess jikkonferma li fuq il-prokura ġenerali li ffirmat Yolanda Carabott, ma kienx hemm limitazzjonijiet, u ma għamel l-ebda rimarki, "*Kieku kelli nagħmel xi rimarka, nagħmilha*".

Issa Mary Anne Darmenia xehdet li dakinhar li Yolanda Carabott ġiet toqgħod għandhom (fl-20 ta' Marzu 1998) kienet marret għandhom Pauline Calamatta, u Yolanda Carabott talbitha tirritornalha l-prokura, il-karta tal-pilloli u ċ-ċavetta: "*Ngħid ukoll li f'dik l-okkażjoni Yolanda Carabott qalet lil Pauline Calamatta biex hija tħalli fuq il-mejda tad-dar tagħha l-prokura li kienet tatha, il-karta s–safra biex tiġbor il-pilloli b'xejn mill-isptar, u ċ-ċavetta tal-post*." Din il-verżjoni ta' Mary Anne Darmenia pero`, (li ovvjament hija parti interessata) ma ġietx korroborata minn Yolanda Carabott innifisha fl-affidavit tagħha. Hija fil-fatt dwar dakinhar li kienet marret Pauline Calamatta għand Mary Anne Darmenia, issemmi li kienet talbitha ċ-ċwievet u l-karta tal-pilloli iżda ma ssemmix li kienet talbitha l-prokura:

"*Pauline qabel ma telqet qaltli li kienet ser tħalli ċ-ċavetta tad-dar tiegħi fuq il-mejda, tħalli l-affarijiet tal-isptar u mediċini u kienet ser tħalli ċ-ċavetta ġewwa*." Ċertament li kieku dakinhar kienet talbitha wkoll il-prokura kienet issemmiha fl-affidavit tagħha. Jirriżulta li kien imbagħad permezz ta' ittra bl-avukat datata 6 ta' April 1998 u sussegwentement permezz ta' ittra uffiċjali datata 16 ta' April 1998 li talbet il-prokura lura.[3]

Jiġi osservat ukoll li għalkemm Mary Anne Darmenia xehdet li Yolanda Carabott kienet qabbdet lil Dr. Matthew Brincat jagħmel prokura ġenerali ġdida favur tagħha fl-1 ta' April 1998, tali prokura mhux biss qatt ma ġiet esebita, iżda l-istess Dr. Matthew Brincat fix-xhieda tiegħu ma jsemmi xejn dwarha. Fil-fatt għalkemm xehed li jiftakar li kien mar għandha fl-1 ta' April 1998 ma jsemmix li f'tali data kien għamlilha prokura ġenerali favur Mary Anne Darmenia. (Dan kollu qed jingħad għall-finijiet tal-Artikolu 1887(2) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula li "*Il-ħatra ta' mandatarju ġdid għall-istess affari ġġib it-tneħħija tal-mandat mogħti lil dak ta' qabel, ukoll jekk il-mandatarju l-ġdid ma jaċċettax l-inkarigu*".) Għalhekk in vista taċ-ċirkostanzi din il-Qorti ser tqis li dakinhar tal-kuntratt, u cioe` fit-2 ta' April 1998, il-prokura favur Pauline Calamatta kienet għadha *in vigore*.

Dwar il-kontenut tal-prokura, dan mhux qed jiġi attakkat (anke jekk l-attriċi fl-affidavit tagħha tinsisti li kienet limitata biss biex il-konvenuta issarfilha ċ-ċekkijiet tal-penzjoni) u għalhekk għall-finijiet ta' din il-kawża, il-prokura ġenerali għandha tiġi kkunsidrata bħala waħda valida. Għalkemm jirriżulta li ma kien hemm l-ebda struzzjonijiet speċifiċi da parti ta' Yolanda Carabott biex isir it-trasferiment tad-dar in kwistjoni għal fuq isem

[3] Dr Matthew Brincat, fix-xhieda tiegħu tal-4 ta' Diċembru 2001 xehed: ***"...kienet tatni l-inkarigu biex din il-prokura titwaqqaf għaliex riedet li l-affarijiet jibdew jieħdu ħsiebhom Mary Anne Darmenia f' dan is-sens. Allura jien kont ktibt lill-ġirien tagħha, ħadt notament biex niftakar, għax issa ovvjament għadda ftit taż-żmien, kont ktibt ittra tas-6 ta' April li hija Dokument C1 biex ovvjament nitterminaw l-inkarigu.....Nel frattemp ukoll konna f' dokument a fol 15 konna għamilna ittra uffiċjali datata 16 ta' April 1998 biex ai termini tal-liġi tiġi terminata uffiċjalment."***

Pauline Calamatta u żewġha, il-prokura ġenerali kienet effettivament tawtorizza lill-mandatarja (il-konvenuta Pauline Calamatta) tamministra l-proprjeta` immobbli ta' Yolanda Carabott mingħajr restrizzjoni ta' xejn.

Ma jirriżultax li l-kunsens tal-attriċi meta tat din l-awtorizzazzjoni fuq il-prokura kien vizzjat. Il-konvenuta Pauline Calamatta għalhekk setgħet tittrasferixxi l-proprjeta` ta' Yolanda Carabott f'isem l-istess Yolanda Carabott a bażi tal-awtoriżżazzjoni mogħtija bil-prokura ġenerali u dan mingħajr ma kellha xi obbligu li tikkonsultaha, u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel talba ma kellhiex tintlaqa'. Ma jistax jingħad li l-kunsens tal-attriċi fuq il-kuntratt in kwistjoni (kif derivat mill-prokura ġenerali) ġie ottenut b'ingann jew frodi jew misrappreżentazzjoni da parti tal-konvenuti, kif qed jiġi allegat fiċ-ċitazzjoni.

**Konsegwentement l-ewwel aggravju jirriżulta li huwa fondat**.

Din il-Qorti pero` tirrileva li minkejja li ma jistax jingħad li l-kunsens tal-attriċi fuq il-kuntratt in kwistjoni kien vizzjat għar-raġunijiet fuq esposti, iqumu konsiderazzjonijiet oħra li huma relatati mal-kwistjoni tal-kunsens o meno ta' Yolanda Carabott in relazzjoni mal-prokura, bħal per eżempju:

1. L-assenza tal-**bona fidi** da parti tal-konvenuta li tirriżulta ampjament **(i)** kemm mill-fatt li hija ttrasferiet il-proprjeta` ta' Yolanda lilha nnifisha *ad insaputa* tal-attriċi, **(ii)** kif ukoll mill-fatt li l-kuntratt fih dikjarazzjonijiet foloz peress li jistipula li l-partijiet "ftehmu" li kellha tiġi trasferita l-proprjeta` in kwistjoni għas-saldu ta' debitu ta' Lm16,900 meta fil-fatt mill-provi mressqa jirriżulta li assolutament ma kien hemm l-ebda ftehim bejn il-partijiet f'dan is-sens. Ċertament li l-ftehim ma jistax jorbot lill-attriċi fil-konfront ta' Pauline u żewġha Carmelo Calamatta meta l-*bona fede* da parti tagħhom tidher li hija mankanti[4].

[4] L-Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi.

2 Jista' jingħad wkoll li l-konvenuta abbużat mill-prokura ġenerali li kellha f'idejha[5] u għaldaqstant dan l-operat jammonta għal għemil doluż da parti tagħha bħala mandatarja. F'dan ir-rigward issir riferenza għall-Artikolu 1874(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula li l-mandatarju jwieġeb għall-għemil doluż fl-esekuzzjoni tal-mandat.

L-attriċi pero` qatt ma talbet xi tip ta' pronunzjament tal-Qorti abbażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u għalhekk ma jistgħux jiġu sollevati u kkunsidrati mill-Qorti *ex officio*.

F'dan l-istadju wkoll din il-Qorti tħoss li għandha tikkummenta dwar il-parir legali li ġie mogħti lill-konjuġi Calamatta meta huma saru jafu li Yolanda Carabott marret toqgħod għand Mary Anne Darmenia u kienu qed jissuspettaw li kienu ser jitwarbu u li ser jinbidel it-testment. Jirriżulta li l-parir li jsir kuntratt u li bħala partijiet jidhru min-naħa Pauline Calamatta f'isem Yolanda Carabott, u min-naħa l-oħra Yvette Bonnici f'isem il-ġenituri tagħha Pauline u Carmelo Calamatta, u wkoll li jiġi dikjarat li l-partijiet "ftehmu" li kellha tiġi trasferita l-proprjeta` għas-saldu tad-debitu ta' Lm16,900, kien ingħata mid-difensur legali ta' Pauline Calamatta u żewġha Carmelo.[6] Bażikament, il-konjuġi Calamatta

---

[5] "***Dan għamlitu b'abbuż kbir u mingħajr permess jew talba tiegħi.***" (affidavit Yolanda Carabott, fol. 24)

[6] Carmelo Calamatta xehed hekk:
"***Jiena ngħid li konna ħallejna f' idejn il-konsulent legali tagħna u cioe` Dr Albert Libreri, kif ukoll ħallejna f' idejn in-Nutar Spiteri. Jiena ma kontx ikkonsultajtha lil Yolanda Carabott dwar din is-somma u sa fejn nista' ngħid jiena lanqas il-mara tiegħi jew it-tifla tiegħi ma kienu kkonsultawha lil Yolanda dwar din is-somma……jiena kont preżenti meta ġie ppubblikat il-kuntratt li sar il-Qorti u jiena kont preżenti fiżikament il-Qorti pero` ma kontx dehrt jiena u kienet dehret it-tifla tiegħi bil-prokura tiegħi u tal-mara tiegħi. Ngħid ukoll li dan kollu sar fuq il-parir tal-konsulent legali tagħna***". (21.06.2004, fol. 218 – 223)

Pauline Calamatta xehdet hekk:
Dr. Matthew Brincat: "***Jiġifieri kif skont inti ħaduha ħassejt il-ħtieġa li b' din il-prokura tmur u ddawwar id-dar tagħha***…."
Pauline Calamatta: "***Mhux hekk, mort għand l-Avukat u ħadt parir mingħand l-Avukat***"
………
Dr. Matthew Brincat: ***U dakinhar ma ħassejtekx qed tieħu xi ftit vantaġġ minn din il-prokura?***
Pauline Calamatta: ***Jiena ma nifhimx fl-affarijiet legali, imxejt kollox kif qalli l-Avukat. L-Avukat mexxieni.*** (kontro-eżami ta' Pauline Calamatta, 28.11.2006, 305-325)

ingħataw il-parir li jabbużaw mill-prokura li kien għad kellha f'idejha Pauline Calamatta u li jniżżlu dikjarazzjonijiet foloz fuq kuntratt pubbliku. Din il-Qorti tiddeplora bil-qawwa kollha dawn it-tip ta' pariri li ċertament ma jagħmlux ġieh lill-professjoni legali u tordna li a kura tar-Reġistratur kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

**It-tieni aggravju** tal-appellanti jirrigwarda l-ilqugħ mill-ewwel Qorti tat-tieni talba u cioe`, il-fatt li l-ewwel Qorti ddikjarat li l-kuntratt huwa null peress li huwa nieqes minn konsiderazzjoni (kawża) stante li ma ġew reżi bl-ebda mod is-serviġi msemmija fl-istess kuntratt. Il-kuntratt effettivament jistipula hekk:

*"Illi l-imsemmija Yolanda Carabott tinsab debitriċi versu l-konjuġi Calamatta fis-somma ta' sittax-il elf u disgħa mitt Lira Maltija (LM16,900) rappreżentanti valur ta' kuri, serviġi u assistenza li huma ilhom jirrendulha u jipprestawlha għal madwar dawn l-aħħar tlettax (13) –il sena.*

*"Illi l-imsemmija Yolanda Carabott mhix f'pożizzjoni finanzjarja li tħallas l-imsemmi debitu u għalhekk il-partijiet ftehmu li tiġi assenjata b'titolu ta' datio in solutum l-infraskritta proprjeta` għas-saldu tal-istess debitu, bonarjament konvenut bejn il-partijiet*".

L-appellanti jsostnu li huma rrendew serviġi konsistenti u kontinwi għal diversi snin lil Yolanda Carabott u li l-kumpens spettanti lilhom kellu jkun ta' Lm16,900, meta maħdum bir-rata ta' Lm3.50 kuljum (Jirriżulta li dan l-ammont ma waslux għalih l-appellanti iżda kienu n-Nutar Tonio Spiteri u l-Avukat Albert Libreri li waslu għalih[7]). Pauline Calamatta xehdet li kienet tmur kuljum għand Yolanda Carabott mill-1986. Ix-xhieda tagħha li kienet

---

[7] "***Jiena ngħid ukoll illi ma dħaltx fid-dettalji ta' dan il-kuntratt, pero` naf li n-Nutar u l-Avukat kienu stabbilew bejniethom il-valur tas-serviġi li ġew reżi mill-ġenituri tiegħi lil Yolanda Carabott***... (Xhieda Yvette Bonnici, 16.10.2003, fol. 207-211)

tirrendilha serviġi hija korroborata mill-membri tal-familja tagħha jiġifieri żewġha, bintha, binha u ommha.

Bħala xhieda tal-konvenuti appellanti li m'għandhomx interess dirett fl-eżitu tal-kawża nsibu mbagħad lil Mary Serge, Marie Therese Carabott u t-tabib Joseph Carabott D'Amato. Għalkemm ix-xhud Mary Serge xehdet li rat lil ta' Calamatta jagħmlu xi faċendi fid-dar ta' Yolanda Carabott, ix-xhud Marie Therese Carabott xehdet li "*Il-faċendi fid-dar kienet tagħmilhom hi stess, cioe` Yolanda Carabott. Fil-fatt darba kont qegħda għandha u waqqgħetilha kikkra bil-kafe` u jiena offrejt li nnaddaf, hija qaltli li kienet tnaddaf hi skont il-kriterji tagħha*." Xehdet li Yolanda Carabott kienet tgħidilha li Pauline Carabott kienet tieħu ħsiebha fis-sens li meta jkollha bżonn teħodha l-isptar u kienet tagħmlilha x-xirja. Ix-xhud Dr. John Carabott D'Amato (imsejjaħ mill-konvenuti) xehed li ta' Calamatta kienu jieħdu ħsieb iġibu l-mediċini lil Yolanda Carabott u ġieli nzertahom ukoll fid-dar ta' Carabott meta kien imur jaraha.

L-attriċi da parti tagħha, tinsisti li s-serviġi, imniżżla fuq il-kuntratt bħala l-konsiderazzjoni għat-trasferiment tal-proprjeta`, qatt ma ġew reżi u li hija dejjem ħallsitha lil Pauline Calamatta meta kienet tagħmlilha xi qadi. L-istess Yolanda Carabott xehdet hekk in propożitu: "*Jiena nixtieq ngħid li talli kienet issarrafli dan ic-cheque jiena dejjem kont nagħtiha għaxar liri maltin jew ħames liri maltin. Meta kienet tixrili ħobża jew xi affarijiet oħra dejjem kont inħallasha kemm tgħidli. Jiena nikkonferma illi kienet tiġi sabiex tagħtini l-pinnoli. Kienet tiġi hi jew xi ħadd mill-familja tagħha u kienet tiġi dejjem biex tagħtini l-pensjoni u tħallasli xi kontijiet…….Pauline Calamatta qatt ma kienet tgħinni fit-tisjir jew tindif tad-dar u kull meta sarrfitli c-cheque u kienet tgħinni dejjem ħallastha. Ma nistax assolutament nifhem ta' xiex qed tippretendi l-ħlas ta' serviġi*".

Mill-provi miġbura jidher li s-"serviġi" reżi mill-appellanti kienu jikkonsistu prinċiparjament f'qadjiet. Issa kif xehdet l-istess Yolanda Carabott hija kienet dejjem tħallas lil Pauline Carabott kull meta din kienet taqdiha u tgħinha.

Veru li oriġinarjament Yolanda Calamatta kienet kitbet ġidha kollu lil Pauline Calamatta, u dan għaliex kif spjegat fl-affidavit tagħha hija kienet irraġunat li ma jagħmilx sens li tħalli ġidha lin-neputijiet tal-Awstralja meta kien hemm Pauline Calamatta li kienet intenzjonata tieħu ħsiebha hi. Pero` l-istess Yolanda Carabott xehdet li "*Meta jiena effettivament ktibt il-ġid tiegħi kollu lil Pauline Calamatta stennejt li hi ser tieħu aktar interess milli tiġi żżurni ftit 'l hawn u 'l hemm.*"

Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-ammont ta' Lm16,900 ma kienx dovut lill-konvenuti u li l-allegat debitu ta' Lm16,900 tniżżel fuq il-kuntratt sempliċiment sabiex ikun jidher li hemm konsiderazzjoni (kawża) li tiġġustifika t-trasferiment tal-proprjeta` fuq isem il-konjuġi Calamatta. Din il-Qorti hija konvinta li minkejja li ġiet espressa konsiderazzjoni fuq il-kuntratt, fil-verita` tali konsiderazzjoni kienet mankanti.

Issa l-Artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili taħt l-intestatura ġenerali "*Fuq il-Kawża tal-Kuntratti*" jistipula li "*L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m'għandha ebda effett*". L-Artikolu 989 imbagħad jipprovdi hekk: "*Jekk il-kawża espressa tkun falza, il-ftehim jista' b'dan kollu, jinżamm sħiħ, kemm-il darba jiġi ppruvat li kien hemm kawża oħra*". Dan ma jirriżultax li hu il-każ.
Din il-Qorti għalhekk taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti li l-kuntratt *de quo* huwa wieħed null u bla effett fil-liġi peress li huwa mankanti minn konsiderazzjoni vera u proprja u dan billi effettivament kull serviġi li setgħu ġew reżi kienu ġia` ġew kompensati u taħt dan l-aspett għalhekk, kif kellha okkażjoni tikkummenta wkoll l-ewwel Qorti, il-bażi tal-imsemmi kuntratt hija msejsa fuq xi ħaġa li hija simulata.

**It-tieni aggravju tal-appellanti għalhekk jirriżulta għal kollox infondat u qed jiġi miċħud.**

**Fit-tielet aggravju,** l-appellanti jissottomettu li kemm-il darba jiġu milqugħa l-aggravji fuq imsemmija, ir-raba' u

ħames talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda. Dan mhux il-każ peress li t-tieni aggravju qed jiġi miċħud.

<u>Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi:</u>

Tilqa’ l-ewwel aggravju tal-appellanti u konsegwentement tiċħad l-ewwel talba.

Tiċħad it-tieni aggravju u tikkonferma l-akkoljiment tat-tieni talba mill-ewwel Qorti.

Konsegwentement tikkonferma wkoll l-akkoljiment tar-raba’ talba u tordna għalhekk li l-kuntratt jiġi rexiss għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u tikkonferma n-nomina tan-Nutar Dottor Pierre Attard sabiex jirċievi l-att opportun tar-rexissjoni, u tinnomina wkoll lill-Avukat Dottor Charmaine Galea sabiex tirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi. Il-pubblikazzjoni tal-att għandu jsir fis-**16 ta’ Marzu 2011 fil-11:00am** fl-edifiċju tal-Qorti jew f’dak il-jum, ħin u lok alternattiv li l-Qorti tawtorizza fuq rikors ta’ xi ħadd mill-partijiet.

Tikkonferma wkoll l-akkoljiment tal-ħames talba u tiddikjara lill-konvenuti responsabbli għall-ispejjeż kollha relattivi għar-rexissjoni tal-kuntratt.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi fiċ-ċirkostanzi għandhom jitħallsu kwantu għal tlieta minn kull erba’ parti ($^{3}/_{4}$) mill-appellanti, u kwarta ($^{1}/_{4}$) parti mill-appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------